C/2026/5276

9.10.2026

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2026/5276)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

*Fil-paġna 169, fin-Nota ta' spjegazzjoni tal-intestatura tan-NM "***3004 Medikamenti (ħlief l-oġġetti tal-intestatura 3002, 3005 jew 3006) li jikkonsistu fi prodotti mħalltin jew mhux imħalltin għall-użi terapewtiċi jew profilattiċi, ippreżentati f'dożi mkejla (inkluż dawk f'forma ta' sistemi ta' somministrazzjoni transdermali) jew f'forom jew f'pakki għall-bejgħ bl-imnut***", fit-tieni kolonna tal-entrata "Sulfat tal-glukożammina" tiżdied in-nota tat-tabella li ġejja:*

"(*) Id-doża definita ta' kuljum (DDD) ta' 1,5 g għas-'sulfat tal-glukożammina' fl-indiċi ATC-DDD hija bbażata fuq is-sustanza sulfat tal-bis(2-ammonjo-2-deossi-D-glukożju) (CAS RN 14999-43-0; Formula Molekulari $(C_6H_{13}NO_5)_2 \bullet H_2SO_4$; Mw 456,42 g/mol)."

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.